MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 223/2011

Kawza fil-lista: 17

**A B**
**vs**
**C D f' isimha proprju,**
**u fl-interess tal-minuri E D**
**u Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: li minn relazzjoni li l-attur kellu mal-konvenuta C D, twielet it-tifel E fit-2 ta' April 2007, registrat fuq l-att tat-twelid tieghu numru 1151/2007 bhala iben missier mhux maghruf; li l-attur sar jaf b' dan ghaliex kienet il-konvenuta stess li nformatu bit-twelid tat-tifel; li mit-testijiet tad-DNA jirrizulta li l-attur huwa l-missier naturali tat-tifel E; ghaldaqstant qed jitlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-attur huwa l-missier bijologiku tal-minuri E D u iben l-konvenuta C D.

2. Tordna lill-konvenut u cioe’ lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid ta’ l-imsemmi E D li jgib in-numru progessiv ta’ registrazzjoni 1151/2007 u jaghmel dawk l-annotamenti necessarji fl-istess Att tat-Twelid sabiex fil-parti fejn tindika “father unkonwn” tigi mibdula sabiex tinqara bl-isem ta’ l-attur u cioe’ A B, kif ukoll jigi nkluzi l-konnotati ta’ l-attur fuq l-imsemmi Att fil-parti fejn taqra: taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija, professjoni, sengha jew stat iehor, eta’, fejn twieled, fejn joqghod, u isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet u kull dettal iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta E D eccepiet: li hija qatt ma cahdet li l-attur huwa missier-il minuri, kif fil-fatt hu; li l-konvenuta “qatt ma giet interpellata sabiex tersaq ghal kuntratt pubbliku ghar-rikonoxximent tal-minuri; li ghalhekk “qeda tipprotesta ruhha bil-qawwa ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni”, li saru nutilment;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-awturi tieghu, l-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku inserita a fols.15 u 16 tal-process;

Rat l-avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel E li twieled mill-konvenuta C D fit-2 ta’ April 2007, huwa fil-fatt il-wild naturali tieghu;  kif ukoll sabiex isiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid fuq indikat.

Illi fix-xhieda taghha l-imsemmija konvenuta qablet li l-attur huwa l-missier naturali; u dan il-fatt gie konfermat ukoll mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma sostnuti mill-provi, u ghalhekk jimmeritaw li jigu milqugha.

Illi dwar l-ispejjez tal-proceduri, il-Qorti tikkunsidera li t-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuta C D hija fondata fil-fatt u fid-dritt, stante li qabel ma saru l-proceduri odjerni, l-attur ma ma sejjahx lill-omm il-minuri ghar-rikonoxximent fit-termini ta’ l-artikolu 86 tal-Kap.16 u b’hekk saru spejjez inutili.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa li tilqa’ t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta C D rigward l-ispejjez tal-kawza; tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali u bijologiku tat-tifel E D li twieled mill-konvenuta fit-2 ta’ April 2007; tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-imsemmi att tat-twelid fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-attur A B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------